MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2005

Numru 125/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**V**

**JASON ABELA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JASON ABELA** ta' tletin sena bin John u Shiela nee Sheriff, imwieled Pieta nhar t-tlettax ta' Awissu 1971 u joqghod 'Seabreeze Court', Flat 7, Triq t-Turisti, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 488971M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Haz Zebbug nhar t-tmienja ta' Frar 2002 ghall-habta tas-sitta w ghaxra ta' filghodu flimkien ma persuni ohra :

1. Ikkommetta serq ta' somma flus ta' tmintax il-elf lira maltin u affarijiet ohra minn J&V Vibro Block sitwat fi Triq Imdina, liema serq huwa kkwalifikat bil-

vjolenza, bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u li sar ghad-dannu ta' dirigenti tal-istess kumpanija;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Raymond Vassallo kontra l-volunta tieghu;

3. Talli f'H'Attard, matul l-lejl tal-wiehed u tletin ta' Awissu 2001 u l-ewwel ta' Settembru 2001, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa ikkommetta serq ta' oggetti minn fond 'Mon Fleur', Triq il-Faqqiegh, Misrah Kola, liema serq huwa kkwwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin u bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Raymond Vassallo;

4. Talli f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2002 esibita fl-att a fol 21.

Rat is-sentenza moghtija minn **din l-istess Qorti** nhar d-dsatax ta' Novembru 2003 [fol 76] fejn kienet sabet lil imputat hati fuq ammissjoini tieghu stess u kienet **ikkundannat lil Jason Abela ghal piena ta' sentejn [2] prigunerija b'dan pero, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-piena ta' prigunerija ma kellhiex tidhol fis-sehh hlief jekk matul l-perjodu ta' erbgha [4] snin minn dakinhar, l-hati Jason Abela jikkommetti xi reat iehor li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali.**

**Rat li din l-istess Qorti kienet poggiet lil imsemmi Jason Abela wkoll taht is-supervizjoni tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg bhala Ufficjal Sorveljanti ghaz-zmien kollu tal-perjodu operattiv u cioe erbgha**

**[4] snin mill-dakinhar bhala kundizzjoni ewlenija ta' dik l-ordni w ordnatlu sabiex jkompli u jispicca l-programm ta' rihabilitazzjoni li huwa kien beda.**

**Rat li dakinhar din l-istess Qorti kif preseduta kienet fissret fi kliem car lil hati kemm r-responsabbilita tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk hu jikkommetti reat li ghalih hemm piena karcerarja matul l-perjodu operattiv, kif wkoll l-effetti ta' dik l-ordni ta' supervizjoni u li kienet wkoll ikkundannatu jhallas multa ta' hames mitt lira Maltin (LM 500).**

Rat li **nhar t-tmienja ta' Jannar 2004 l-istess Probation Officer Carmen Borg** nfurmat lil Qorti permezz ta' nota [fol 90] li l-imputat probationer kien gie sospiz mill-programm residenzjali li kien qed isegwi f'San Blas fi hdan l-agenzija Caritas u li nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru 2003 hi kienet iltaqghet ma membri tal-imsemmija agenzija kif wkoll ma Jason Abela fejn kienet giet iccarata s-sitwazzjoni tieghu fil-konfront tal-programm residenzjali li kien qed isegwi fis-sens li kienet l-attitudini ta' Jason Abela li kienet r-raguni principali ghal tali sospenzjoni. Il-Probation Officer Carmen Borg ziedet tghid li madankollu Jason Abela kien qed jattendi sezzjonijiet fuq bazi ndividwali mmexxija minn Joe Borg u li kien qed jigi espost ghal testijiet tal-urina fuq bazi regolari li skond l-istess agenzija taw rizultat negattiv ghat-tehid ta' sustanzi llegali.

Illi **nhar l-hamsa ta' Mejju 2004 xehdet l-istess Probation Officer Carmen Borg** [fol 92] fejn qalet li Jason Abela kien gie sospiz minn San Blas, li sussegwentement saret laqgha ma membri tal-imsemmija agenzija kif wkoll ma Jason Abela fejn kien irrizulta li r-raguni principali ghal tali sospenzjoni kienet l-attitudini ta' Jason Abela. Qalet li madankollu Jason Abela kien qed jattendi sezzjonijiet fuq bazi ndividwali mmexxija minn Joe Borg fi hdan l-agenzija Caritas u li nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar, nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar u nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Marzu 2004 wara li kien qed jigi espost ghal testijiet tal-urina fuq bazi regolari

li skond l-istess agenzija taw rizultat negattiv ghat-tehid ta' sustanzi llegali. Il-Probation Officer Carmen Borg ziedet tghid li t-testijiet li saru kien ghal presenza ta' Kokaina, Eroina u Cannabis. Qalet li mill-informazzjoni li kellha dan naqas li jzomm l-appuntament tat-tnejn u ghoxrin u tad-disgha w ghoxrin ta' April u li r-raguni li kien ta kienet li kien qed jahdem ma certu Raymond Abdilla. Qalet li hu kien fadallu gimghatejn xoghol mieghu.

Nhar s-sebgha w ghoxrin ta' April 2004, l-istess Probation Officer Carmen Borg ppresentat nota [fol 94] li biha nfurmat lil Qorti lli Jason Abela kien iddecida li jaghmel programm ta' counselling fuq bazi ndividwali mmexxija minn Joe Borg fi hdan l-agenzija Caritas, liema sezzjonijiet kienu ser jwasslu sabiex jinqata l-kuntatt li Jason Abela kellu mal-imsemmija agenzija. Mandankollu kien wkoll enfazizzat l-fatt li Jason Abela setgha jitlob l-ghajnuna mehtiega anke meta jigi fi tmiem l-kuntatt bejn iz-zewg nahat. Qalet li Jason Abela lahaq din d-decizjoni wara li tkellem ma rappresentanti tas-Sedqa liema laqgha saret bil-ghan li jara jekk l-imsemmija agenzija kienetx tista toffri programm li setgha jsegwih minn barra. Qalet li hu kien gie nfurmat waqt dik il-laqgha li setgha jiehu ghajnuna minn barra permezz ta' sezzjonijiet individwali ma counsellor. Qalet li din il-laqgha saret wara li l-agenzija Caritas offrietlu jidhol isegwi programm residenzjali f'San Blas liema programm kellu jerga jinbeda mill-gdid pero Jason Abela hass li ma kellux jerga jibda mill-gdid l-programm izda li kellu jkompli fejn kien halla qabel s-sospensjoni tieghu liema talba ma kienx facli li tigi milqugha. Ghalhekk, kompliet tghid x-xhud, Jason Abela kien iddecida li jiehu l-ghajnuna minn barra permezz ta' sezzjonijiet individwali mal-counsellor tieghu Joe Borg.

Nhar t-tmienja ta' Gunju 2004 l-istess **Probation Officer Carmen Borg xehdet** [fol 96] li mill-ahhar udjenza l-imputat probationer kien jattendi l-Caritas fuq individual sessions ma Joe Borg. Qalet li l-imputat probationer kellu jibda xoghol ma certu Simon fil-construction ghal prova u wara gimgha jsirlu l-ktieb tax-xoghol.

Nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2004 l-istess **Probation Officer Carmen Borg regghet xehdet** [fol 100] fejn qalet li Jason Abela kien qed jahdem u esibit l-ETC Form tieghu. Qalet li hi kienet ghamlet kuntatt ma Joe Borg li nfurmha li kien hemm problema peress li Jason Abela ma kienx imur l-Caritas regolari u dan minhabba xoghol. qalet li dan ma kienx minnu ghaliex kieku ried setgha jmur anke wara nofsinhar. Qalet li l-ahhar appuntament li dan kellu mal-Caritas kien fit-tnax ta' Awissu u bejn dan l-appuntament u dak ta' qablu kien hemm gap sostanzjali. Qalet li l-imputat probationer ma kienx qed isegwi l-ordnijiet taghha.

Nhar t-tmintax ta' Jannar 2005 l-istess **Probation Officer Carmen Borg regghet xehdet** [fol 106] fejn qalet li l-imputat probationer kien rega' beda jattendi l-Caritas u kien f'kuntatt ma Jesmond Abela. Qalet li l-ahhar urine test rrizulta fin-negattiv ghal presenza ta' Eroina, Kokaina u Cannabis u dan kien sar fl-erbgha ta' Jannar 2005. Qalet li Jason Abela kien qed jattendi b'mod regolari bhala labourer ma Santa Katerina Development.

Nhar l-ghoxrin ta' April 2005 l-istess **Probation Officer Carmen Borg regghet xehdet** [fol 111] fejn qalet li l-imputat probationer kien qed izomm kuntatt regolari mal-Caritas u kien qed jaghti urine samples tieghu regolari liema testijiet rrizultaw fin-negattiv. Qalet li hi iccekkjat mal-ETC u sabet li kien qed jahdem b'mod regolari.

Ghalhekk f'dan il-kaz in ezami ma jidhirx li hu kontestat li fil-fatt l-imputat probationer kiser l-ordni tal-probation fuq imsemmija u dan ghaliex il-probationer ma zammx kuntatt regolari mal-ufficjal tal-probation skond l-ordni ta' supervizzjoni moghtija fis-sentenza fuq imsemmija u ma spiccax l-programm ta' rihabilitazzjoni li kien beda w inoltre ma obdiex l-ordnijiet mghotija lilu minnu.

Illi **l-artikolu 21(2) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi** dwar ksur ta' kondizzjonijiet f'ordni ta' probation u jghid:

*"Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li min ikun taht probation jkun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-Qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal lil hati amenda … jew tista tittratta ma min ikun taht probation ghar-reat li dwaru tkun saret s-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-Qorti tista tittratta lil hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak r-reat."*

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tad-dsatax ta' Novembru 2003 kienet apparti li poggiet lil imputat taht probation ghal erbgha snin, ma kienetx illimitat ruhha ghal ordni tal-probation, imma wara li qiset ic-cirkostanzi tal-kaz kienet wkoll imponiet kundizzjoni fuqu li jkompli u jispicca programm ta' rihabilitazzjoni li hu kien beda kontra d-droga.

**Il-Qorti tinnota li fis-sentenza fuq imsemmija, hija applikat piena fil-konfront tal-imputat Probationer u cioe li ikkundannatu jhallas multa ta' hames mitt lira Maltin (LM 500) u ghalhekk illum ma tistax tittratta mill-gdid mal-imputat probationer dwar ir-reati li gia sabitu hati taghhom, izda tista tittratta mieghu biss dwar il-ksur tal-probation.**

**Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li l-imputat JASON ABELA naqas li jsegwi l-ordni tal-probation moghtija lilu u tikkundannah l-amenda massima permessa mill-ligi ta' mitt lira maltin ai termini tal-artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------